# Il-Ħadd 05.06.2016

1. Illum 05/06, **Festa tal-Qalb ta' Ġesù -** *It-Tielet Jum tal-Kwaranturi*:
   - Mill-10:45am 'il quddiem - Adorazzjoni personali;
   - Fil-5:30pm - Adorazzjoni animata mill-Fratellanzi u l-Kor *'Sine Macula'*;
   - Fis-6:00pm - Quddiesa tal-Qalb ta' Ġesù ċċelebrata minn Dun Brendan M. Gatt;
   - Fis-6:45pm - Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina li fiha jsir l-att ta' konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù. Tagħlaq bil-Barka Sagramentali fuq iz-Zuntier, u ġġib fi tmiemhom il-Kwaranturi. Il-Purċissjoni tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Triq Ta' Ġawhar, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.

2. Mit-Tnejn 6/06, il-Quddiesa ta' filgħodu tibda ssir fis-7:30am, u mhux fit-7:45am.

3. Il-Ġimgħa 10/06:
   - Is-Soċi tal-MUSEUM qed jistiednu lill kulmin hu interessat
     biex jattendi għall-Pellegrinaġġ għal San Ġorġ Preca, fil-Blata l-Bajda:-
     - Fis-6:20pm - Tluq mill-Pjazza tal-Knisja bil-private;
     - Fis-7:00pm - Quddiesa fil-knisja tal-Madonna tal-Midalja Mirakoluża.
     Min hu interessat jinforma lis-Superjur jew lil xi ħadd mill-membri tal-Museum tas-Subien. Kulħadd imħeġġeġ jattendi.

4. Is-Sibt 11/06:
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp Ħaddiem, B'Kara.

5. Avviżi oħra:
   - Is-Sibt 11/06, mit-8:00pm 'il quddiem, ser tittella' Lejla ta' Varjetà b'risq il-Festa mis-Sotto-Kumitat tan-Nar tal-Każin San Pawl. Kulħadd mistieden.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 215 minn ħarġa li kellna. Grazzi mill-qalb.